Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VII/30*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 30 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Seba' Terminu), li nżammet nhar it-Tlieta 30 ta' Ġunju, 2015 fis-7.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku l-Av. Daniel Attard.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |

Preżenti kien hawn ukoll l-Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ is-Sur Matthew Attard.

Il-Kunsilliera Alexandra Maria Mifsud infurmat lis-Segretarju Eżekuttiv li qegħda rikoverata l-isptar u għalhekk ma tistax tattendi għal din il-laqgħa. Il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsilliera Mifsud għandha tkun skużata.

## 1. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Approvazzjoni tal-Minuti 7-29

Il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. Quarterly Financial Report – Ottubru-Diċembru 2014, Jannar-Marzu 2015

Ir-rapporti finanzjarji ta' Ottubru-Diċembru 2014 u Jannar-Marzu 2015 tqasmmu lill-membri kollha tal-Kunsill. Dawn ġew diskussi u approvati unanimament.

## 4. Korsijiet matul ix-xhur tas-Sajf

Is-Sindku ippropona sabiex matul ix-xhur tas-Sajf norganizzaw Skola Sajf għat-tfal tar-raħal tagħna. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Biex jiġu inkoraġġiti li kemm jista' jkun tfal jipparteċipaw fi Skola Sajf il-Kunsill qabel li m'għandux ikun hemm ħlas għal dawn il-korsijiet. Is-Sindku se jieħu ħsieb jikkordina sabiex dawn il-korsijiet ikunu jistgħu jiġu organizzati. Il-Kunsill qabel ukoll li għandna noħorġu

fuljett ta' informazzjoni biex naraw kemm japplikaw tfal u b'hekk jitqasmu skond l-eta' u s-suġġett.

**5. Offerti**

Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien għamel kuntatt ma' William Sultana sabiex jiddraftja dokumenti ta' offerti għal xiri ta' asfalt (cold asphalt), servizz ta' Contract Manager, xogħlijiet ta' manutenzjoni ta' toroq (major patching) u ta' kisi bit-tarmak ta' Triq tal-Fanal. Is-Sur Sultana bagħat kopja tad-dokumenti li ġew anke mibgħuta lill-membri kollha għall-attenzjoni tagħhom. Id-dokumenti ġew approvati u l-Kunsill qabel li għandna noħorġu sejħiet għal dawn l-offerti.

**6. Korrispondenza**

6.01 Memo 11/2015 – Skema ta' Restawr ta' Postijiet Storiċi. Din l-iskema hija applikabbli għall-Kunsilli Lokali ta' Malta biss u għalhekk il-Kunsill tagħna ma jistax japplika.

6.02 Memo 12/2015 – Awguri u Ringrazzjament tas-Servizz li tajtu lill-Komunita (din il-Memo hija intiża għall-Kunsilli Lokali fejn kienet hemm l-Elezzjoni f'April li għadda).

6.03 Memo 13/2015 – Proġetti varati mill-Kunsilli Lokali.

6.04 Memo 14/2015 – Infiq fuq servizzi Professjonali – 2014. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li diġa bagħat l-informazzjoni mitluba f'din il-Memo.

6.05 Memo 15/2015 – Aġġornament tal-Laqgħat tal-Kunsilli Lokali. Id-Dipartiment qed jitlob lill-Kunsilli Lokali sabiex fuq il-websajt iniżlu d-dettalji għal meta tkun aġġornata l-laqgħa tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li din l-informazzjoni diġa kien qed jagħmilha fuq il-websajt tagħna.

6.06 Il-Malta Competition and Consumer Affairs Authority (MCCAA) infurmat lill-Kunsill dwar kif għandu isir użu ta' pestiċidi biex jiġi ikkontrollat il-ħaxix ħażin.

6.07 Dr Marouska Debono (Chairperson tal-Bord tal-Appelli dwar il-Fond għall-Proġetti Kapitali) infurmat lill-Kunsill meta se jinstema' l-appell tal-Kunsill tagħna. Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa kien attenda għall-appell u ressaq ir-raġunijiet tal-Kunsill għalfejn il-proġett tagħna kellu jingħata prijorita u fondi biex ikun jista' jitwettaq. Minn naħa tal-Bord tal-Appell enfasizzaw fuq l-importanza li s-Settur Privat ikun involut fit-twettiq tal-proġett billi anke jiffinanzja parti mill-istess proġett. Huma saħqu ukoll li l-proġett tagħna għandu spiża kbira u għalhekk li kieku intgħażel kien se jieħu kwart tal-fondi allokati f'din l-iskema.

6.08 Alexander Cutajar mis-Segretarjat Parlamentari għad-drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita u Anzjanita informa lill-Kunsill Lokali dwar A+ Award.

6.09 Is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kumitat Reġjonali ta' Għawdex talab lill-Kunsilli Lokali sabiex jinnominaw membru sostitut għas-Sindku biex jirrappreżenta lill-Kunsill meta s-Sindku ma jkunx jista' jattendi għal-laqgħat tar-Reġjun. Il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi Sindku għandu jkun il-membru sostitut.

6.10 Sr Antoinette Pace (Kap tal-Iskola Laura Vicuna) ilmentat dwar ħġieġ li sabet fuq il-bejt tal-iskola wara l-Festa tar-raħal. Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa kien tkellem ma' Sr Antoinette Pace dwar din il-problema. Aktarx li xi żgħażagħ tefgħu xi flixkien għal fuq il-bejt. Il-Kappillan ġie avżat ukoll dwar din il-problema peress li kien allegat li l-flixken intefgħu minn fuq il-bejt tal-Knisja. Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-ħġieġ kien tneħħa mill-kuntrattur tat-tindif tat-toroq u ser tingħata attenzjoni biex fil-futur ma jerġax jiġri l-istess.

6.11 Gatt Tarmac Ltd bagħat statement dwar xiri ta' cold asphalt. Il-Kunsill kien qabel li niktbu ittra lill-Gatt Tarmac Ltd li din l-invoice mhux se titħallas peress li l-kwalita tal-asfalt kienet ħażina ħafna. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-ittra kien bagħtha reġistrata. Il-Kunsill qabel li dan il-kont m'għandux jitħallas.

**7. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-30 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**8. Materja oħra**

8.01 Is-Sindku ippropona li għandna inwaħlu tabelli li jindikaw il-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart u b'hekk kulħadd ikun infurmat sew b'dan is-servizz. Is-Sindku ippropona ukoll li jiġbor stima għal sistema ta' CCTV biex jiġu installati f'postijiet fejn ikun hemm l-abbużi ta' tfigħ ta' skart u anke fejn qed jinħareġ l-iskart fi ġranet li dan is-servizz ma jingħatax. Il-Kunsillier Frank Formosa informa lill-Kunsill li fi Triq Tal-Fanal għad hemm il-problema li tal-farm houses qed joħorġu l-iskart f'ħinijiet u ġranet meta ma jinġabarx skart. Is-Sindku ippropona li jekk l-abbużi mhux se jieqfu l-Kunsill m'għandux ikompli jiġbor l-iskart tal-farm houses peress li dawn huma kummerċjali u suppost li l-iskart jiġbruh huma stess u mhux il-Kunsill. Il-Kunsill qabel mal-proposti imsemmija.

8.02 Mario Attard mill-Fontana u li għandu għalqa fl-inħawi ta' Għammar talab sabiex jitranġa l-ħajt tal-għalqa peress li qiegħed fil-periklu li jaqa'. Il-Kunsill qabel li għandna nivverifikaw li l-ħajt huwa responsabilta tal-Kunsill u fil-każ nitolbu biex ix-xogħol isir mill-ħaddiema tas-CMU.

8.03 Peter Portelli ta' Triq Fenek talab sabiex il-parti tat-triq minn fejn jispiċċa t-tarmak sa fejn il-post tiegħu issir mill-ġdid peress li hija fi stat ħażin. Huwa qal li diġa kellem lil Anthony Debono (uffiċċjal inkarigat mis-CMU) dwar ix-xogħol li hemm bżonn isir. Peter Portelli qal li Anthony Debono ikun jista' jibgħat il-ħaddiema tas-CMU biex jagħmlu x-xogħol meħtieġ u anke jġibu parti mill-konkos li jkun hemm bżonn. Il-Kunsill qed jiġi mitlub sabiex joħroġ il-kumplament tal-konkos. Is-Sindku ippropona li għandna nikkordinaw mas-CMU biex din it-triq tiġi irranġata u issuġġerixxa ukoll li għandha tingħata x-xibka tal-art biex ix-xogħol jiġi sewwa u wara ma jkunx hemm problemi.

8.04 Peter Portelli ta' Triq il-Fenek talab ukoll sabiex il-ħajt tas-sejjieħ li hemm fl-istess triq jitranġa. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir mill-ħaddiema tas-CMU qabel jingħata l-konkos fl-istess triq.

8.05 George Zammit, Joseph Farrugia u George Farrugia ta' Triq Wied Sara ilmentaw dwar periklu li hemm fl-istess triq fejn hemm gandott mikxuf. Il-Kunsill qabel li dan il-gandott għandu jissaqqaf u b'hekk jitneħħa kull periklu. Il-Kunsill qabel li nitolbu lil Anton Mintoff sabiex jagħmel stima tax-xogħol meħtieġ li jsir biex tissolva din il-problema.

8.06 L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Matthew Attard informa lill-Kunsill dwar laqgħat li saru mill-Kunsill taż-Żgħażagħ. Is-Sindku qal li huwa attenda għal dawn il-laqgħat u ġie deċiż li jiġu organizzati diversi attivitajiet għaż-żgħażagħ matul is-sajf. Fit-18 ta' Lulju ser tiġi organizzata ħarġa fejn iżuru l-Caritas, il-Belt, Bay Street u L-Għadira. Aktar 'l quddiem se jiġi organizzat BBQ ir-Ramla l-Ħamra. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru dawn l-attivitajiet u li jħallas ukoll l-ispejjeż dwar it-trasport. Ser isiru l-avviżi sabiex dawk kollha interessati jattendu għal dawn l-attivitajiet.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar it-Tlieta 21 ta' Lulju, 2015 fis-7.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-8.30p.m.

Av. Daniel Attard
Sindku

Ruben Cassar
Segretarju Eżekuttiv